**MINUTI** **IT-TMIEN LEĠISLATURA**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali ĦAL QORMI**

**Laqgħa Numru 42**

Il-Kunsill Lokali ltaqa' nhar it-Tlieta, 5 ta' April 2022, fl-uffiċċju tal-Kunsill Lokali u permezz ta' video conferencing.

**PREŻENTI:**

Dr Josef Masini Vento –Sindku
Jerome Caruana Cilia - Kunsillier
Carmelo Cuschieri – Kunsillier
Ralph Puli – Kunsillier *(online)*
Marvin Zammit – Kunsillier
Dr Sean Apap Meli – Kunsillier *(online)*
George Muscat – Kunsillier *(online 6:15p.m.)*
Martina Grech – Kunsillier (*online*)
Daniel Ablett – Kunsillier *(online)*
Abigail Sammut – Kunsillier *(online)*

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 17A (3):**

Donnha Barbara – Viċi Sindku

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**
Karen Camilleri – Segretarju Eżekuttiv

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** ppresieda l-laqgħa.

**Minuti**

**41.1 Approvazzjoni Minuti Nru 41**

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** ppreżenta l-Minuti ta' Seduta 41, li kienu ċċirkulati lill-membri permezz ta' korrispondenza elettronika, għall- approvazzjoni.

**Il-Kunsillier Carmel Cuschieri** ssekonda.

Il-Minuti għal Seduta Nru 41 ġew approvati b'mod unanimu.

**42.2 Kommunikazzjoni mis-Sindku**

**42.2.1** **Is-Sindku Josef Masini Vento** poġġa fuq il-mejda re-design taz-zona fejn hu mistenni jiġi nstallat il-bus shelter fi Triq Anici, wara li Transport Malta ma approvatx id-design oriġinal . Id-*design* propost minn Transport Malta ġie approvat mill-membri. (***Dok 'A***' anness mal-Minuti)

**42.2.2** **Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** nfurma li s-Soċjeta' Filarmonika Pinto talbet li l-bankina ta' quddiem il-każin titwessa u saret pjanta mill-Perit tal-Kunsill. (***Dok 'B'*** anness mal-Minuti).

**Il-Kunsillier Marvin Zammit** staqsa x'valur miżjud għandu dan il-proġett, meta tqis li meta jkun attivita' qatt ma kien hemm diffikultajiet bil-vetturi. Staqsa wkoll x'inhi r-raġuni għat-talba tat-twessigħ ta' din il-bankina. **Is-Segretarju Eżekuttiv** infurmat li jista' jkun li se tkun qed tintuża bħala platform għall-imwejjed u s-siġġijiet. **Il-Kunsillier Marvin Zammit** ġibed l-attenzjoni li din hija triq kummerċjali u l-Kunsill huwa konxju mill-problemi eżistenti f'din iz-zona, bil-parking illegali. Huwa qal li jekk issir din il-bankina se nispiċċaw bil-qalba ta' Ħal Qormi ġġamjat.

**Il-Kunsillier Carmelo Cuschieri** ġibed l-attenzjoni li jekk il-Kunsill jagħti approvazzjoni għal din il-bankina, biex tintuża bħala platform, il-Kunsill se jkun qed joħloq preċedent, għall-fatt li fl-akwata hemm ħwienet oħra, li għandhom dritt japplikaw għall-platform ukoll u l-Kunsill ma jkunx jista' joġġezzjona.

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** qal li s-Soċjeta' Mużikali qed titlob din il-bankina sabiex il-faċċata tal-każin tingħata dehra sabiħa, bħalma sar quddiem il-każini l-oħra u għaldaqstant il-Kunsill għandu jmexxi t-talba quddiem Transport Malta. Il-Kunsillier Marvin Zammit qal li quddiem l-ebda każin ma sar twessigħ tal-bankina. Ġie deċiż li tintbagħat korrispondenza uffiċjali lis-Soċjeta' sabiex jinfurmaw lill-Kunsill bir-raġuni għal din it-talba, qabel titmexxa l-proposta quddiem Transport Malta.

**42.2.3** **Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** nfurma li jeħtieġ li tidjieq il-bankina ta' Triq San Bartolomew, qrib l-istatwa tal-ġebel ta' San Bastjan, sabiex ikun possibli li jidħlu 2 parking bays. Il-Kunsillier Dr Sean Apap Meli ġibed l-attenzjoni li diġa hemm diffikultajiet ta' mobilita fiz-zona, speċjalment minħabba t-transport pubbliku. Is-Segretarju Eżekuttiv ġibdet l-attenzjoni li se tkun qed issir ħsara fuq l-estetika tal-bankina. Is-Sindku Dr Josef Masini Vento nsista li l-Kunsill iressaq it-talba għall-attenzjoni ta' Transport Malta u skont id-deċiżjoni tal-Awtorita' jsir.

**42.2.4** **Is-Segretarju Eżekuttiv** ippreżentat l-pjanti għar-rinnovar ta' Ġnien l-Armier li fih jinkludi l-twessigħ tal-kamra li tinsab fil-parti ta' ġewwa tal-ġnien u l-bini ta' kamra fuq il-letrina. Il-Kunsillier Daniel Ablett ġibed l-attenzjoni li dan il-ġnien imiss mal-btieħi privati tar-residenti u għaldaqstant il-Kunsill għandu jagħmel fencing adegwat sabiex jiġu ssalvagwardjati l-istess residenti. Il-Kunsill approva l-pjanti ppreparati u talab l-istima għal dan ir-rinnovar.

**42.2.5** **Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** nfurma li aktar kmieni llum saru l-interviews għall-impjieg ta' clerk, wara r-riżenja ta' mpjegata tal-Kunsill. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li se tkun qed tressaq ir-rapport tal-għażla fis-seduta li jmiss, għaliex ma setgħetx tipprepara tali rapport, minħabba l-fatt li l-interviews saru eżatt qabel il-laqgħa.

**42.2.6** **Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** nfurma li saret talba lill-Kunsill sabiex jinxtara dawl ġdid sabiex jintuża fit-teatru grieg. Il-membri tal-Kunsill approvaw din it-talba. Kien hemm astensjoni waħda.

**42.2.7** **Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** nfurma li qed jirċievi bosta lmenti dwar żjut li qed jintramew minn take-away partikolari fi Triq San Bastjan. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li dan il-każ diġa nqala' fil-passat u sar rapport lis-Sanita', għaldaqstant se jkun qed jerġa' jitressaq rapport uffiċjali.

**42.2.8** **Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** nfurma li wara bosta lmenti tar-residenti ta' Triq l-Għargħar sar kuntatt ma' WastServ Malta dwar il-proġett li qed isir fil-wied. Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat il-pjanti emendati, fejn jidher li l-ebda parkeġġ mhu se jkun qed jittieħed. Ġie deċiż li tintbagħat korrispondenza lir-residenti fejn tinfurmahom b'dawn l-emendi.

**42.2.9** **Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** nfurma li ntbagħtet l-aħħar default notice lill-kuntrattur responsabbli miż-żamma tal-ġonna u għaldaqstant il-Kunsill għandu jittermina l-kuntratt, minħabba nuqqas ta' servizz. Il-Kunsill qabel unanimament ma din id-deċiżjoni.

**42.2.10** **Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** awgura lil kunsillier Jerome Caruana Cilia li ġie elett bħala Membru Parlamentari, bl-akbar ammont ta' voti fis-sitt distrett. Il-Kunsillier Jerome Caruana Cilia rringrazzja lis-Sindki u lill-membri kollha li ħadem magħhom f'dawn l-għaxar snin u jħares lura b'nostalġija lejn dawn is-snin u ħeġġeġ lill-membri jibqgħu magħqudin għal ġid tal-komunita' qormija.

## 42.3 MOZZJONIJIET

### 42.3.1 Mozzjoni nru 108 imressqa mis-Sindku Dr Josef Masini Vento

Nipproponi li l-Kunsill Lokali japprova l-ħlas ta' € 810 (exc. VAT) sabiex isiru toqo fit-tarmac sabiex fihom jitwaħħlu l-arbli tas-slaleb matul l-attivitajiet tal-Ġimgħa l-Kbira, liema toqob saru fi Triq il-Kbira u Triq il-Kbira Sqaq Nru 2.
Din l-ispiża tinkludi xiri ta' tappieri tal-cast iron, konkos madwar kull toqba sabiex jagħmlu l-forma u permessi ta' TM.

Il-Kunsillier Daniel Ablett issekonda.

Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li dan ix-xogħol diġa tlesta, minkejja l-fatt li ma kinitx infurmata bih u waqqfet il-pagament lill-kuntrattur u kien propju għalhekk li s-Sindku ressaq din il-mozzjoni.

Ivvutaw favur 10 (għaxar) kunsilliera preżenti. Ma kien hemm l-ebda vot kontra u ma kien hemm l-ebda astenzjoni.

Il-mozzjoni ġiet approvata b'mod unanimu.

### 41.3.2 Mozzjoni nru 109 imressqa mis-Sindku Dr Josef Masini Vento

Nipproponi li l-Kunsill Lokali japprova n-nefqa ta' € 2000 sabiex jinxtraw kotba għaż-żewġ libreriji ta' Ħal Qormi.

Il-Kunsillier Dr Sean Apap Meli ssekonda.

Ivvutaw favur 10 (għaxar) kunsilliera preżenti. Ma kien hemm l-ebda vot kontra u ma kien hemm l-ebda astenzjoni.

Il-mozzjoni ġiet approvata b'mod unanimu.

## 42.4 Skeda ta' Ħlasijiet

**Is-Segretarju Eżekuttiv** poġġiet fuq il-mejda l-iSkeda ta' Ħlasijiet għax-xahar ta' Marzu 2021.

**Il-Kunsillier Daniel Ablett** ppropona l-approvazzjoni tal-ħlasijiet.

**Il-Kunsillier Jerome Caruana Cilia** issekondat.

Il-Kunsill approva b'mod unanimu l-iskeda ta' Ħlasijiet.

## 42.5 ĦWEJJEĠ OĦRA

**42.5.1** **Il-Kunsillier Daniel Ablett** fakkar lil membri fl-attivita' tas-16 t'April, taħt l-iSkema Achivers, liema attivita' se tinżamm fi Pjazza Federico Maempel. Il-Kunsillier Daniel Ablett irringrazzja lill-impjegata Bernice Darmanin tax-xogħol siewi li għamlet sabiex huwa possibli li tinżamm din l-attivita'.

**42.5.2** **Il-Kunsillier Dr Sean Apap Meli** nfurma li s-serata ta' Premju INT ukoll kienet suċċess. Il-Kunsililler Apap Meli qal li l-compare ma riditx ħlas għas-servizz tagħha filwaqt li l-Palazz tal-President taw servizz mill-aqwa lill-Kunsill, fejn mhux biss provdew is-sala, iżda ħadu ħsieb li tkun armata u mgħammra b'PA System u Screen. Il-Kunsill hawn approva li jħallas is-somma ta' € 500 għall-użu ta' din is-sala. Il-Kunsillier Dr Sean Apap Meli nfurma li se tkun qed issir żjara ta' kortesija lill-E.T., il-President ta' Malta, mit-tfal rebbieħa tal-istess premju, nhar it-Tlieta 3 ta' Mejju fl-10.00a.m.

**42.5.3** **Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** talab lill-membri sabiex sa nhar il-Ħadd, 10 ta' April jgħaddu n-nomini tagħhom għall-unuri Għarfien il-Ħila.

**42.5.4** **Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** qal li din is-sena s-serata se tinżamm f'Wesgħet Renald Falzon, fiz-zona ta' Farżina.

**42.5.5** **Is-Segretarju Eżekuttiv** poġġiet fuq il-mejda stima għall-installar ta' fanali ornamentali fi Sqaq San Rafel Nru 1 u 2. Il-Kunsill qabel li japplika għall-Urban Development Funds sabiex din l-ispiża ssir minn dan il-fond.

**42.5.6** **Il-Kunsillier Jerome Caruana Cilia** semma każ ta' resident li ġie mħarrek għaliex ħalla l-borża b'materjal riċiklabbli ħdejn il-bring-in sites, meta mar biex jarmu u sabhom imfawwrin. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li l-liġi hija ċara u l-Kunsill m'għandu l-ebda awtorita' jidħol f'każi ta' nfurzar.

**42.5.7** **Il-Kunsillier Dr Sean Apap Meli** qal li bħalissa qed isir xogħol ta' repaint of markings mill-ħaddiema tal-Kunsill, fejn fost oħrajn għamlu Keep Clear quddiem Dar Madre Margherita, liema Keep Clear m'għandhix tintuża. Barra minhekk, il-Kunsillier Dr Sean Apap Meli ġibed l-attenzjoni li l-parking spaces tul Triq il-Kbira huma akbar min-normal, għaldaqstant ikun opportun jekk isir eżerċizzju sabiex il-parking spaces isiru skont il-qies legali, sabiex jiddaħħlu aktar spazji.

**42.5.8** **Il-Kunsillier Dr Sean Apap Meli** ġibed l-attenzjoni dwar tabelli ta No Entry li hemm fi Pjazza Federico Maempel, fejn il-ħinijiet indikati mhux jaqblu.

**42.5.9** **Il-Kunsillier Daniel Ablett** talab li tinbidel it-tabella tal-uffiċċju tal-lotto eżistenti fi Triq San Edwardu.

**42.5.10** **Il-Kunsillier Dr Sean Apap Meli** ġibed l-attenzjoni dwar yellow bay quddiem ħanut ta' ħaddied fi Triq il-Vitorja, li issa ilu aktar minn sena ma jintuża. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li se tkun qed tibgħat il-ħaddiema jagħmlu parking bay.

**42.5.11** **Il-Kunsillier Marvin Zammit** infurma li n-notice boards mhux qed jintużaw. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li hemm ħsarat f'dawn in-notice boards u jkun aktar għaqli jekk dawn jitneħħew, issa li l-vetrina prinċipali tal-Kunsill saret is-social media.

**42.5.12** **Il-Kunsillier Marvin Zammit** qal li tkun idea li l-proġetti tal-Kunsill jiġu promossi fuq il-paġna uffiċċjali tal-Kunsill, fuq il-media soċjali.

**42.6 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

Il-laqgħa intemmet fit-8.00p.m. u ġiet aġġornata għat-**Tlieta t-3 ta' Mejju 2022 fis-6.00p.m.**

Konfermati, illum it-3 ta' Mejju 2022.

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATI** | **IFFIRMATI** |
| Josef Masini Vento (Dr | Karen Camilleri |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |